

Brussell, 28 ta' Mejju 2026  
(OR. en)

9812/26

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2026/0128 (NLE)**

---

---

**AELE 31  
MC 1  
SAN 358**

### **NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Mejju 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2026) 253 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco

---

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2026) 253 final.

---

Mehmuż: COM(2026) 253 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.5.2026  
COM(2026) 253 final

2026/0128 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

Il-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji għat-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco (il-“Ftehim”), iffirmit fl-4 ta' Diċembru 2003<sup>1</sup> jiffaċilita l-attivitajiet ekonomiċi u l-kummerċ tal-mediċini għall-użu mill-bniedem u veterinarju, tal-prodotti kożmetiċi u tal-apparat mediku bejn il-Partijiet għall-Ftehim.

Il-Ftehim jipprevedi fl-Artikolu 1(1) tiegħu li l-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim għandu jemenda l-Anness tiegħu biex jiżgura li l-atti tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ikunu japplikaw fit-territorju ta' Monaco.

L-Anness tal-Ftehim ġie aġġornat l-aħħar fl-2013 bid-Deċiżjoni Nru 1/2013<sup>2</sup> tal-Kumitat Konġunt. Minn dak l-aġġornament lil hawn, l-acquis rilevanti tal-Unjoni komplja jevolvi, b'mod partikolari permezz tal-adozzjoni ta' atti leġiżlattivi ġodda u emendi għal atti eżistenti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.

Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni korretta u uniformi kontinwa tal-Ftehim, huwa għalhekk meħtieġ li l-Anness jiġi aġġornat sabiex jirrifletti l-istat attwali tal-acquis applikabbli tal-Unjoni.

Għalhekk, din il-proposta għandha l-għan li taġġorna u tirrevedi l-Anness sabiex jinkludi l-atti kollha tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim u sabiex jitneħħew l-atti li tħassru.

### 2. POŻIZZJONI LI TRID TITTIEĦED F'ISEM L-UNJONI

Sabiex tiġi stabbilita l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim, hija meħtieġa Deċiżjoni tal-Kunsill skont l-Artikolu 218(9) TFUE.

L-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din il-proposta jaġġorna l-Anness tal-Ftehim f'konformità mal-Artikolu 1(1) tiegħu billi jelenka l-atti kollha tal-Unjoni li bħalissa jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim li jeħtieġ li jiġu inklużi fl-Anness sabiex japplikaw għat-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco. Dawn huma l-atti leġiżlattivi bażiċi u l-atti li jemendawhom jew jissostitwuhom, adottati mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill jew mill-Kunsill, li jiddefinixxu l-qafas regolatorju sostantiv applikabbli fl-oqsma koperti mill-Ftehim.

Fl-istess ħin, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jiċċara t-trattament tal-atti adottati mill-Kummissjoni fl-applikazzjoni ta' dawk l-atti leġiżlattivi. L-Artikolu 1(2) tal-Ftehim jipprevedi li tali atti japplikaw għat-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco mingħajr il-ħtieġa ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Għaldaqstant, l-atti delegati u l-atti ta' implimentazzjoni adottati mill-Kummissjoni abbażi tal-atti elenkati fl-Anness japplikaw awtomatikament bis-saħħa tal-Ftehim u ma għandhomx għalfejn jiġu elenkati individwalment fl-Anness.

F'dan il-kuntest, l-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt jintroduċi kjarifika li tikkonferma li r-referenzi fl-Anness għall-atti tal-Unjoni għandhom jinftehem li jirreferu għal dawk l-atti kif emendati jew sostitwiti, filwaqt li l-atti adottati mill-Kummissjoni għall-

---

<sup>1</sup> ĠU L 332, 19.12.2003, p.42

<sup>2</sup> ĠU L 245, 14.9.2013, pp. 14–15

applikazzjoni tagħhom japplikaw awtomatikament skont l-Artikolu 1(2) tal-Ftehim. Dan jirrifletti mod ġdid ta' abbozzar tal-Anness, immirat lejn it-titjib taċ-ċarezza u ċ-ċertezza legali, filwaqt li jibqa' bbażat bis-sħiħ fuq l-istess regoli u mekkaniżmi stabbiliti fil-Ftehim.

Dan l-approċċ ma jimmodifikax il-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim jew id-diviżjoni tal-kompetenzi stabbiliti fih, iżda jiżgura preżentazzjoni aktar ċara, aktar sostenibbli u aġġornata tal-acquis tal-Unjoni applikabbli għall-Prinċipat ta' Monaco.

### **3. ELEMENTI LEGALI TAL-PROPOSTA**

#### **Sommarju tal-azzjoni proposta**

Din hija proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim, li għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt fl-Anness.

#### **Bażi legali**

L-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu.

#### **Għażla tal-istrument**

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jipprevedi li Deċiżjoni tal-Kunsill tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni Ewropea f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali.

#### **Proporzjonalità**

Il-proposta hija konformi mal-prinċipju tal-proporzjonalità minħabba li l-effetti tagħha huma strettament limitati għal dak li huwa meħtieġ biex jiġi aġġornat l-Anness tal-Ftehim biex jirrifletti l-istat tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fl-oqsma li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 207 flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fl-Artikolu 1(1) tiegħu, il-Ftehim jipprevedi li l-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim għandu jemenda l-Anness tiegħu biex jiżgura li l-atti tal-Unjoni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim japplikaw fit-territorju ta' Monaco.
- (2) Mindu daħal fis-seħħ il-Ftehim, l-Unjoni adottat għadd ta' atti li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tiegħu u xi atti li jidhru fl-Anness tħassru. Huwa għalhekk meħtieġ li l-Anness jiġi aġġornat biex jinkludi atti ġodda u biex jitneħħew l-atti li tħassru,
- (3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/885/KE tas-17 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Ftehim dwar l-applikazzjoni ta' ċerti Atti Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco, b'mod partikolari l-Artikolu 3 (1) tagħha, tipprevedi li l-Unjoni Ewropea għandha tkun rappreżentata mill-Kummissjoni fil-Kumitat Konġunt,
- (4) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/885/KE tas-17 ta' Novembru 2003, notevolment fl-Artikolu 3(2), tipprevedi li l-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fil-Kumitat Konġunt tiġi stabbilita mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni; il-Kunsill għandu jaġixxi bl-istess regola ta' votazzjoni bħal dik applikabbli għall-adozzjoni tal-att tal-Unjoni kkonċernat,
- (5) L-Anness tal-Ftehim ġie emendat l-aħħar bid-Deċiżjoni Nru 1/2013 tal-Kumitat Konġunt UE-Monaco, li tirrifletti l-iżviluppi fil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim.
- (6) Sabiex jiġu ppreservati l-konsistenza u l-koerenza tal-Anness tal-Ftehim, il-Kummissjoni qed tfittex l-approvazzjoni tal-Anness kollu kemm hu, inklużi l-atti kollha li għandhom jiġu inklużi fih, irrISPETTIVAMENT minn jekk l-inklużjoni ta' ċerti atti tirriżultax mill-Artikolu 3(2) jew mill-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/885/KE.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### *Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata f'isem l-Unjoni, fi ħdan il-Kumitat Konġunt stabbilit bil-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Prinċipat ta' Monaco dwar l-applikazzjoni ta' ċerti atti

Komunitarji fit-territorju tal-Prinċipat ta' Monaco tal-4 ta' Diċembru 2003 għandha tkun ibbażata fuq l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt meħmuż ma' din id-Deċiżjoni.

Ir-rappreżentanti tal-Unjoni fil-Kumitat Konġunt jistgħu jaqblu ma' modifiki tekniċi għall-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt mmingħajr deċiżjoni ulterjuri tal-Kunsill.

#### *Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

#### *Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Kummissjoni.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*